23 ta' Diċembru 2013

141/2013

## AWGURI TAL-ISTAĠUN TAL-FESTI LILL-ISQFIJIET

Data: Il-Ħadd, 29 ta' Diċembru 2013

Ħin: 10.15 a.m.

Post: **Il-Kurja tal-Arċisqof, Floriana**

Fl-okkażjoni tal-festi ta' żmien il-Milied u l-bidu tas-Sena l-Ġdida, l-Arċisqof Pawlu Cremona O.P., l-Isqof Awżiljarju Charles J. Scicluna u l-Arċisqof Emeritus Ġuzeppi Mercieca, nhar il-Ħadd 29 ta' Diċembru ser jilqgħu lil kull min jixtieq iżurhom għal bdil tal-awguri tal-istaġun, bejn id-9.30 a.m. u nofsinhar.

Il-bdil tal-awguri ser isir fil-Kurja tal-Arċisqof, Floriana. Minħabba raġunijiet ta' aċċessibilità, ser ikun miftuħ il-bieb ta' San Kalċedonju fi Triq Vinċenzo Buġeja (u mhux il-bieb prinċipali). Dakinhar, għal ħabta tal-10.15 a.m. l-Arċisqof jgħaddi messaġġ lil dawk preżenti.

Data: It-Tlieta, 31 ta' Diċembru 2013

Ħin: 2.30 p.m.

Post: **Il-Palazz tal-Arċisqof, il-Belt Valletta**

Lejliet l-Ewwel tas-Sena, l-Arċisqof Pawlu Cremona O.P., l-Isqof Awziljarju Charles J. Scicluna u l-Arċisqof Emeritus Ġuzeppi Mercieca, ser ikunu fil-Palazz tal-Arċisqof, il-Belt Valletta, fejn dakinhar huma jilqgħu lill-awtoritajiet tal-Istat u lill-korpi kostitwiti għall-bdil tal-awguri.

Kurja tal-Arċisqof
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

Indirizz
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

Tel. +356 2124 1281
Email. info@maltadiocese.org
www.thechurchinmalta.org